MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1663/2001/1

**Paul Brian Farrugia**

**vs**

**Jane Antida Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fl-ewwel (1) ta' Gunju 1991 (*vide* Dok "A") u minn dan iz-zwieg l-istess kontendenti kellhom wild wiehed, Jessica Farrugia illi llum ghandha sitt (6) snin;

Illi l-kontendenti bdew johorgu flimkien meta l-attur kellu biss hmistax-il (15) sena filwaqt li l-konvenuta kellha wiehed u ghoxrin (21) sena, l-attur qatt ma kellu relazzjoni

bis-serjeta’ ma’ hadd qabel filwaqt illi l-konvenuta kienet ghadha kif spiccat minn gherusija ta’ madwar erba’ (4) snin;

Illi l-genituri tal-attur kienu kuntrarji ghal din ir-relazzjoni ossija gherusija izda l-attur b’immaturita’ baqa’ johrog mal-konvenuta anke bi sfida, u l-konvenuta da parti taghha, ghamlet kull sforz biex taccellera l-process li kellu jwassal ghall-eventwali zwieg;

Illi fil-fatt meta l-kontendenti kienu tgharrsu formalment u ftit wara xtraw l-art illi eventwalment bnew, l-attur kien ghadu apprentist b’paga ta’ Lm60 fix-xahar u fil-fatt kienet hadet hsieb ta’ kollox il-konvenuta bl-assistenza ta’ ommha;

Illi ghalkemm il-kontendenti kienu ilhom johorgu flimkien ghal zmien pjuttost twil, pero’ qatt ma kien hemm preparazzjoni serja ghaz-zwieg u l-kontendenti kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq x’inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali tal-mizzewgin, u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi wkoll illi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, u cjoe’ l-prokreazzjoni tal-ulied, kien gie eskluz mill-kontendenti illi pero’ wara numru ta’ snin kellhom tarbija minhabba fi pressjoni esterna fuqhom ezercitata sabiex isalvaw iz-zwieg wara illi l-konvenuta kienet waqghet fi stat dipressiv u kienet qed tigi somministrata medicinali ghall-kura taghha;

Illi wkoll illi l-konvenuta kienet zammet mistura mill-konoxxenza tal-attur bosta affarijiet tal-akbar importanza dwarha b’mod illi kieku l-attur kien jaf bihom qabel ikkuntratta z-zwieg mal-istess konvenuta huwa certament ma kienx jidhol f’rabta ta’ zwieg mal-konvenut, sabiex b’hekk il-kunsens effettivement kien eskluz minhabba zball fuq l-identita’ reali tal-istess konvenuta, identita’ illi mbaghad l-attur skopriha biss waqt iz-zwieg;

Illi l-kontendenti sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni bonarja skritt fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat (*vide* Dok "B"), u minn dak iz-zmien 'l hawn ir-relazzjonijiet ta' bejniethom baqghu sejrin ghall-aghar u kull parti qabdet it-triq taghha, kulhadd bil-mod tieghu, kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-ewwel (1) ta' Gunju 1991 huwa wiehed null u bla effett u dan *ai termini* tal-provvedimenti tal-paragrafi (b), (c), (d) (f) u (g) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-ewwel (1) ta' Gunju 1991 huwa null u bla ebda effett skond il-ligi u dan a tenur tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (b), (c), (d), (f) u (g) tal-istess artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-28 ta' Jannar 2002 a fol. 15 fejn gie eccepit:

1. Illi hija taqbel mat-talba attrici li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Gunju 1991 ghandu jigi dikjarat null u bla effett, pero' ghal htijiet u ragunijiet imputabbli lill-attur u ghalhekk ma ghandhiex tbaghti spejjez.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbali tas-6 ta’ Frar 2002; u tal-24 ta’ April 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 13 ta’ Awissu 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota tal-attur tas-7 ta’ Ottubru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu stess, ta’ Joseph Farrugia u ta’ Vincenza Farrugia u ddikjara li m’ghandux provi aktar.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota tal-konvenuta tas-6 ta’ Dicembru 2002 fejn permezz taghha esebiet l-affidavits ta’ Francis *sive* Frans Falzon, Barbara Beadnell *nee’* Mitchell, Maria Mifsud, Rita Falzon *nee’* Vella u ta’ Raymond Falzon, u n-nota ohra tal-istess konvenuta datata 9 ta’ Dicembru 2002 fejn esebiet ukoll l-affidavit ta’ Barbara Beadnell *nee’* Mitchell.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1)** ta' l-Att Dwar iz-Zwieg u precizament ghal dak li hemm previst fis-**sub-inicizi (1b), (1c), (1d), (1f) u (1g)** u cjoe` illi l-kunsens taghha nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, illi l-kunsens tal-konvenut kien issimulat u illi l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghal hajja mizzewga u li ma kienx kapaci jassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kien qieghed ibaghti minnha.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti madankollu ma jidhirx illi t-talba attrici tista' tinkwadra ruhha f'xi wahda minn dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi u dan ghas-segwenti ragunijiet.

- **L-ARTIKOLU 19 (1) (B):**

Illi l-izball jikkonsisti f'gudizzju falz dwar xi haga jew xi hadd u kwindi jista' jigi kkunsidrat bhala difett tal-intellett. Il-persuna fl-izball ma tkunx nieqsa mill-gharfien shih izda jkollha gharfien zbaljat dwar il-persuna jew l-oggett. Dik il-persuna mbaghad taghmel gudizzju jew tifformula opinjoni bbazata fuq dak illi li zbaljatament tkun qed tippercepixxi.

Il-**"*Castano*"** jaghti s-segwenti definizzjoni dwar zball fil-ktieb tieghu: **"Il Sacramento del Matrimonio"**:-

"*L'errore infatti e' un atto del'intelletto che consiste in un 'iudicium falsum', gudizio che ha come causa una falsa 'rei apprehensio'. Come abbiamo detto ripetutamente, la volonta' – facolta' che consente – non si muove se l'intelletto non le presenta un oggetto che attiri la sua appetibbilita'. Ma l'intelletto, proprio a causa del 'iudicium falsum (errore), presenta alla volonta' un oggetto falso distorto, un oggetto cioe` che non corrisponde alla verita'.*

*E' per questo che la volonta' viene erroneamente indotta ad emettere un consenso che non risponde alla realta' e quindi il vero consenso viene a mancare"*.

Illi huwa minhabba f'din ir-raguni illi l-izball jitqies bhala vizzju tal-kunens u dan ghaliex dak il-kunsens ikun qed jigi moghti taht gudizzju falz li l-persuna li tkun qieghda taghtih tkun ghamlet fuq il-parti l-ohra fiz-zwieg. L-izball *inoltre* irid ikun tali illi min-natura tieghu ifixkel serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet. Jekk il-persuna fi zball, wara l-gharfien ta' dak l-izball thoss illi l-hajja matrimonjali taghha ma hijiex imfixkla b'dan l-gharfien allura l-kunsens matrimonjali minnha moghti jkun wiehed validu u dan peress illi l-volonta' tieghu jew taghha ma tkunx giet effettwata b'dak il-gudizzju falz li jkun sar. Fil-fatt fil-ligi kanonika, ssir distinzjoni bejn zball fuq il-persuna u zball rigward xi kwalita' tal-persuna, liema kwalita' trid tkun "*directly and principally intended*", u cjoe` li fil-mument taz-zwieg, il-kunsens matrimonjali jkun qed jigi marbut ma' dik il-kwalita' fil-parti l-ohra, li jekk tkun nieqsa allura ggib in-nullita' ta' dak iz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens.

- **<u>L-ARTIKOLU 19 (1) (C):</u>**

Illi dan l-artikolu tal-ligi jiddisponi testwalment illi zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (D):</u>**

Illi zwieg ikun null, taht din id-dispozizzjoni tal-ligi:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (F).</u>**

Illi dan l-artikolu tal-ligi jitratta dwar is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali kemm dik totali, kif ukoll dik parzjali. Illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat fit-totalita’ tieghu meta xi parti fiz-zwieg jew anke t-tnejn li huma jkunu eskludew iz-zwieg fit-totalita` tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied, jew l-eskluzjoni ta’ l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra. Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta` tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata biex jigi stabbilit jekk il-persuna li tkun qed taghti l-kunsens kellhiex il-volonta’ w ix-xewqa li teskludi z-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 sub-inciz 1 (f) tal-Kap 255** ighid testwalment li zwieg ikun null:-

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista’ jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali tant li jghid li:-

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta'  in ordine allo stesso obbligo.*

*Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell' interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell' interno della volonta'*." (***J.F. Castano'* - Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors

ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta' non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi".* **(*O. Giacchi* – "*Il consenso matrimoniale canonico"*).**

Illi l-attur ibbaza wkoll l-azzjoni tieghu fuq dak li jipprovdi **l-artikolu 19 (1) (g)** li jghid li z-zwieg huwa null:-

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107).

Illi skond ***George V. Lobo*** *"it may be noted that a marriage is truly conditional if (1) the condition proceeds from a positive act of will although this may be implicit; (2) must have been freely placed; (3) must have been present and not revoked at the time of marriage".* **("The New Marriage Law"** – 1997).

Illi skond kif inghad fis-sentenza **"Emanuel Walter Vella vs Mona Lisa Vella"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) *"huwa mportanti li wiehed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur",* u mill-provi prodotti, kif fuq *di piu'* ampjament spjegat jirrizulta li l-kunsens tal-attur kien ibbazat fuq il-kundizzjoni li l-konvenuta seta' jkollha tfal u xejn izjed, b'mod li b'tali kundizzjoni l-attur elimina l-elementi kollha essenzjali l-ohra taz-zwieg kif fuq ampjament spjegat.

Illi dan jirrizulta car fl-opinjoni ta' din il-Qorti mill-paragrafi 5, 6, 7, 8 u 9 minn pagni 3 sa 5 tad-decizjoni esebita tat-Tribunal Ekklessjastiku fejn jinghad *inter alia* li *"Charles, however during the last period of courtship at least insisted greatly with Anna that from this marriage he wanted children at all costs"* u *"I cannot say that the marriage was ever happy and this because from the very start I wanted to have a child, since my ultimate aim in marrying was to have a family"; "When I realized in the late 1996 that all hope was lost for me to raise a family, I decided that our only solution was separation…."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur iltaqa' mal-konvenuta meta hu kellu biss hmistax-il sena u l-konvenuta kellha biss wiehed u ghoxrin (21) sena, u jidher li l-attur dahal ghaz-zwieg ghar-ragunijiet ghal kollox zbaljati li juri li huwa ma kellux il-kunsens necessarju bid-diskrezzjoni adatta sabiex jersaq ghal tali zwieg, tant li fil-hajja tieghu mizzewga mal-konvenuta jidher li huwa aktar ta' kaz ir-relazzjoni tieghu mal-genituri tieghu li jidher li kellhom influwenza sew fuqhom milli fir-relazzjoni tieghu ma martu l-konvenuta.

Illi fil-fatt jirrizulta li apparti hu beda johrog mal-konvenut meta huwa kellu biss hmisax-il sena, tali relazzjoni mal-ewwel holqot disgwid mal-genituri tieghu li opponew ghal tali zwieg tieghu mal-konvenuta, izda b'sens ta' sfida huwa aktar dahal fil-fond fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta tant li waslu biex jizzewgu, u dan anke ghaliex huwa hass li dan kien pass konvenjenti ghalih peress tas-

sikkatura li l-konvenuta kellha da parti tal-genituri taghha anke f'dak li huwa hrug.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-attur resaq ghal dan iz-zwieg minghajr ebda sustanza vera ta' konoxxenza dwar l-elementi essenzjali tal-istess, u jidher li tul l-istess relazzjoni l-influwenza tal-genituri tieghu kemm fin-negattiv u kemm fil-pozittiv halliet l-effett taghha fuqu bil-konsegwenza li hu aktar kien immexxi b'dawn is-sentimenti milli b'xi sentimenti lejn il-konvenuta.  Il-fatt li l-konvenuta kienet akbar minnu *circa* xi sitt snin, kompla kkomplika s-sitwazzjoni ghall-persuna diga' mmatura u mix-xhieda kollha jidher nieqes ghal kollox kull sens ta' emozzjoni lejn il-konvenuta, u dan huwa rifless ukoll ghall-perjodu kollu ta' l-istess relazzjoni bejn il-partijiet kemm qabel u kemm wara z-zwieg li jirrendu l-kunsens tal-konvenut difettuz minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha.

Illi ghar-rigward tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** jirrizulta li mir-ragunijiet innifishom ghaliex l-attur dahal f'dan iz-zwieg u bil-komportament tieghu kemm qabel u kemm wara z-zwieg jidher li l-attur apparti konsiderazzjonijiet finanzjarji li huwa hass li kienu konvenjenti ghalih sabiex jaghmel l-istess pass huwa kien konvint li l-hajja mizzewga ghalih kienet ha tkun pass li se jaghmillu l-hajja aktar facli peress li ma kienx ser ikun ristrett bl-impozizzjonijiet tal-genituri tal-konvenuta rigward hrug, apparti li litteralment sfida lill-genituri tieghu sabiex minghalih jurihom li minkejja l-oppozizzjoni taghhom huwa kien il-persuna li kellu u ghandu jiehu d-decizjonijiet tieghu fir-rigward ta' hajtu.

Illi din l-ahhar konsiderazzjoni fiha nfisha ma fiha xejn hazin, izda abbinata mal-fatt li l-attur hares biss lejn interessi tieghu u ghamel din il-konsiderazzjoni minghajr ebda rilevanza ghar-rabta li kien sejjer jidhol fiha mal-konvenuta, u aktar u aktar bla ebda forma ta' emozzjoni jew imhabba lejha,  u aktar u aktar il-komportament tieghu li baqa' jghix hajja ta' bniedem wahdu, distakkat mill-konvenuta, juri li l-istess attur kellu l-kunsens tieghu vizzjat ghaliex eskluda *a priori* l-elementi essenzjali taz-

zwieg u fosthom il-hajja komunali bejn l-istess konjugi, tant li jidher li fl-istess relazzjoni baqa’ jigi kompletament influwenzat mill-genituri tieghu.

Illi rigward il-konvenuta jidher li s-sitwazzjoni ma tantx hija ahjar u dan anke fil-kuntest tas-**sub-artikoli (d) u (f) tal-artikolu 19 tal-Kap 255** fuq ikkunsidrat ghaliex jidher li r-ragunijiet minnha migjuba sabiex dahlet fiz-zwieg mal-attur kienu sabiex hija tehles mid-dixxiplina u l-issikkar tal-genituri taghha u dan aktar u aktar meta hija kienet ghadha kemm harget minn relazzjoni twila ma’ persuna ohra.

Illi f’dan il-kuntest jinghad li jidher li l-partijiet mill-ewwel ma bdew jaqblu xejn ma’ xulxin kwazi f’xejn, u jidher li dahlu f’dan iz-zwieg biss sabiex jehilsu minn dak li dejjaqhom fil-hajja li kienu qed jghixu qabel, li certament ma jikkwalifikax bhala raguni sewwa u denja ghaliex wiehed ghandu jidhol f’din ir-rabta. Din baqghet persistenti tul il-permanenza taghha fl-istess hajja mizzewga u ghalkemm saru sforzi sabiex ghall-anqas platonikament din ir-rabta tissussisti, ma setghax jonjos li dan in-nuqqas ta’ preparazzjoni ghaz-zwieg u d-difett fil-kunsens taghhom fl-ahhar mill-ahhar kellu jimmina r-relazzjoni taghhom, proprju ghaliex il-pedamenti tal-istess relazzjoni kienu kollha kemm huma nieqsa.

Illi fid-dawl tal-premess jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255**.

Illi ghar-rigward is-sub-artikoli l-ohra tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 iccitati mill-attur din il-Qorti ma thossx li saru provi sufficjenti sabiex jiggustifikaw li t-talba attrici tigi milqugha anke abbazi tal-istess, ghalkemm jinghad li tali konsiderazzjoni in vista ta’ dak fuq deciz hija wahda akkademika biss.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-

konvenuta biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-ewwel (1) ta' Gunju 1991 huwa null u bla ebda effett skond il-ligi u dan a tenur tal-**artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u b'mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-**paragrafi (d), (f) tal-istess artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------